MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-25 ta' April, 2006

Talba Numru. 2083/2004

**Allcom Limited – C24879**

**Vs**

**AMP Company Limited u
Renato Arcidiacono**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' mija u hdax-il lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm111.78c) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' bilanc ghad-debitu fil-kont numru 100420 ghall-prodotti u servizzi mixtrija mis-socjeta' konvenuta skond l-invoices indikati fuq l-anness Dokument A.

Ra r-Risposta tal-konvenuti li biha wiegbu illi fl-ewwel lok u bla pregudizzju, l-konvenut Renato Arcidiacono qatt ma kellu x'jaqsam mas-socjeta' attrici f'ismu personali u m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-istess kumpanija u ghalhekk ghandu jigi lliberat minnufih mill-osservanza tal-gudizzju. Illi fit-tieni lok is-socjeta' attrici kienet bieghet apparat difettuz lis-socjeta' AMP Company Limited liema apparat kien jikkonsisti f'*payphone* u ta' liema apparat is-socjeta' AMP Company Limited kienet hallset is-somma ta' sebghin lira Maltin (Lm70). Illi dan l-apparat qatt ma gie msewwi mis-socjeta' attrici u fil-fatt ghadu fil-pussess taghha u ghalhekk fi kwalsiasi kaz jekk hemm xi ammonti dovuti lis-socjeta' attrici, dawn ghandhom jithallsu wara li jitnaqqas il-prezz diga' mhallas lilhom ghall-merkanzija difettuza.

Illi fi kwalunkwe kaz la l-konvenut proprju u lanqas is-socjeta' konvenuta m'ghandhom ihallsu l-ispejjez ta' din il-kawza stante li kienu gja' taw din l-informazzjoni kollha lis-socjeta' attrici w anki ppruvaw jaslu fi transazzjoni qabel ma nfethet din il-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Dr Ingrid Zammit Young, Paul Aquilina u ta' Renato Arcidiacono.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Ingrid Zammit Young ghas-socjeta' attrici u ta' Dr Veronica Galea Debono ghall-konvenuti.

**Ikkunsidra**

Illi l-ammont mitlub f'din il-kawza huwa relattiv ghal servizz ta' telefon li gie nstallat f'Juice Bar gewwa Baystreet li huwa bar qabel ma tidhol gewwa l-kumpless ta' Baystreet innifsu. Skond Paul Aquilina ghas-socjeta' attrici xehed li dan is-servizz qabel kien go *massage parlour* go Baystreet u fuq talba tal-konvenuti jew min minnhom is-servizz tmexxa gewwa l-Juice Bar.

Mix-xhieda prodotta ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni fuq l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici ghalkemm hemm kontestazzjoni jekk Renato Arcidiacono proprju huwiex debitur. Skond l-iskrittura li tinsab esebita a fol 22 u 23 tal-process jirrizulta illi l-applikant ghas-servizz in kwistjoni hija AMP Company Limited u din hija rapprezentata minn Renato Arcidiacono u ghalhekk proprjament id-debitrici hija l-kumpanija, izda skond l-iskrittura hemm miktub ukoll illi l-persuna li qeghda tiffirma l-istess kuntratt qeghda tiffirma, *inter alia*, taht il-patt segwenti:

“It is hereby understood that those signing this contract will be doing so in their own name and on behalf and would be held personally, jointly and severally responsible for any default in payment by the said entities.”

L-*entities* in kwistjoni huma l-Allcom Limited u AMP Company Limited u ghalhekk skond din l-iskrittura, l-firmatarji taz-zewg kumpaniji ntrabtu personalment, *jointly and severally* mas-socjetajiet minnhom rapprezentati.

Illi ghalhekk, ghalkemm is-servizz inghata lil AMP Company Limited, Renato Arcidiacono fil-vesti tieghu proprju wkoll huwa personalment responsabbli u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qeghda tigi michuda.

Il-veru kontestazzjoni tirrigwarda pero’ l-*payphone* li Renato Arcidiacono xehed li l-AMP akkwistat minghand l-Allcom. Dan il-*payphone* jirrizulta li ntuza fuq l-istess servizz telefoniku fil-Juice Bar izda rrizulta li mill-bidu dan il-*payphone* beda jaghti t-*trouble* tant illi l-ewwel l-Allcom hadet lura l-apparat u bidlitu b’apparat iehor gdid izda l-problemi baqghu jissussistu u minkejja diversi tentattivi, dan il-*payphone* qatt ma ssewwa u fil-fatt illum il-gurnata l-*payphone* qieghed ghand is-socjeta’ attrici u ma giex irritornat lis-socjeta’ konvenuta.

It-Tribunal jemmen dak li xehed Renato Arcidiacono fis-sens illi dan il-*payphone* ma kellux *setting/programming* xieraq u fil-fatt kien hemm okkazjonijiet meta nies li kienu qed jaghmlu *overseas calls* u li l-*payphone* ma kienx qed jikklokja kif suppost u minhabba f’hekk, Renato

Arcidiacono kien qed ikollu jhallas ghall-*calls* internazzjonali pero' l-flus li jsib fil-kaxxa ma jirrispekkjawx it-tul tal-*calls* li jkunu attwalment saru. Ghalkemm huwa qed jilmenta dwar dan il-fatt, m'hu qed jirreklama l-ebda kumpens ta' dan izda qed jikkontendi illi galadarba huwa hallas erbgha u sittin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm64.80c) ghall-*payphone*, mill-kont mitlub mis-socjeta' attrici, ghandu jkun hemm tnaqqis relattiv.
It-Tribunal jidhirlu illi s-socjeta' attrici kellha zmien bizzejjed sabiex tirranga l-apparat in kwistjoni u jekk dan jigi debitament irrangat, tirritornah lis-socjeta' konvenuta u jekk din tirrifjuta, tiddepozitah il-Qorti. Fil-fatt ma jirrizultax li dan l-apparat gie ddepozitat il-Qorti. Kien fl-interess tas-socjeta' attrici li tesigi illi l-apparat jintuza ghax b'hekk ikun hemm aktar uzu ta' servizz telefoniku u jkollha aktar introjtu. Da parti tieghu l-konvenut ma kellu l-ebda raguni ghaliex ma jkollux *payphone* ghaliex b'rizultat ta' dan il-*payphone* kien jigbed aktar nies lejn il-Juice Bar u jkollu aktar *income* u ghalhekk fic-cirkostanzi tal-kaz it-Tribunal huwa tal-fehma illi x-xhieda moghtija minn Renato Arcidiacono hija verosimili u tirrifletti dak li attwalment gara.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma wkoll illi l-konvenuti ghandhom jinghataw beneficcju ta' erbgha u sittin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm64.80c) li huma hallsu lil Allcom ghall-apparat li qatt ma hadem kif suppost u konsegwentement mit-talba attrici ghandu jkun hemm tnaqqis ta' erbgha u sittin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm64.80c) biex b'hekk jifdal bilanc ta' sitta w erbghin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm46.98c).

Ghar-rigward ta' l-ispejjez tal-kawza, l-konvenuti jsostnu illi m'ghandhomx ihallsu l-ispejjez ghaliex huma kienu ghamlu l-pozizzjoni taghhom cara qabel ma giet istitwita l-kawza odjerna izda t-Tribunal ihoss illi l-konvenuti ghandhom ibatu parti mill-ispejjez tant illi huma ma ddepozitawx l-ammont li jidhrilhom li huwa xieraq taht l-Awtorita' tal-Qorti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuti solidarjament bejniethom li

jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitta w erbghin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm46.98c) bl-interessi mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz. L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------